31984D0419

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-19 ta' Lulju 1984
li tistabbilixxi l-kriterji biex ikunu rreġistrati l-ifrat fil-kotba tal-merħliet

(84/419/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 dwar annimali ta' razza pura ta' l-ispeċi ta' l-ifrat għat-trobbija [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja u b'mod partikolari r-raba' inċiż ta' Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi, skond ir-raba' inċiż ta' Artikolu 6(1) tad-Direttiva 77/504/KEE, għandha tkun il-Kummissjoni li tiddetermina, skond il-proċedura preskritta f'Artikolu 8 ta' dik id-Direttiva, il-kriterji armonizzati li jirregolaw ir-reġistrazzjoni ta' l-ifrat fil-kotba tal-merħliet;

Billi fl-Istati Membri kollha ħlief fil-preżent il-Greċja kotba tal-merħliet jinżammu jew huma stabbiliti minn organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet ta' min irabbi l-bhejjem;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li jkunu stabbiliti l-kriterji għar-reġistrazzjoni ta' l-ifrat f'kotba tal-merħliet;

Billi kondizzjonijiet preċiżi dwar nisel u identifikazzjoni għandhom jiġu sodisfatti qabel ir-reġistrazzjoni fil-ktieb tal-merħliet;

Billi trid tingħata xi ftit konċessjoni għad-divizjoni tal-ktieb tal-merħliet f'sezzjonijiet u klassijiet differenti biex ċerti tipi ta' annimali ma jkunux esklużi;

Billi l-miżuri li tiddisponi għalihom din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-żooteknika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Biex jikkwalifika għal reġistrazzjoni tar-razza tiegħu fis-sezzjoni prinċipali tal-ktieb tal-merħliet annimal irid:

— ikun imnissel minn ġenituri u nanniet reġistrati fil-ktieb tal-merħliet ta' l-istess nisel,

— ikun identifikat mit-twelid skond ir-regoli ta' dak il-ktieb,

— ikollu stabbilit arblu tar-razza skond ir-regoli ta' dak il-ktieb tal-merħliet.

Artikolu 2

Is-sezzjoni prinċipali ta' ktieb tal-merħliet tista' tinqasam f'diversi klassijiet skond il-merti ta' l-annimali. Annimali ta' l-ifrat biss li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'Artikolu 1 jistgħu jkunu rreġistrati f'waħda minn dawk il-klassijiet.

Artikolu 3

1. Organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ta' min irabbi l-bhejjem li żżomm ktieb tal-merħliet tista' tiddeċiedi li mara, li ma tissodisfax il-kriterji preskritti f'Artikolu 1, tista' tkun reġistrata f'sezzjoni supplimentari ta' dak il-ktieb tal-merħliet. Il-mara għandha tissodisfa l-ħtiġijiet li ġejjin:

— tkun identifikata skond ir-regoli tal ktieb tal-merħliet,

— tkun ġudikata li tikkonforma ma' l-*istandard* tar-razza,

— ikollha kriterji minimi ta' prestazzjoni kif preskritti fir-regoli tal-ktieb tal-merħliet.

[1] ĠU L 206, tat-12.8.1977, p. 8.

2. Il-ħtiġijiet imsemmija fit-tieni u t-tielet inċiżi tal-paragrafu 1 jistgħu jkunu differenzjati skond jekk il-mara tappartjenix għarrazza għalkemm m'għandha ebda oriġini magħrufa jew inkisbitx minn programm ta' taħlita ta' razez approvat minn organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ta' min irabbi l-bhejjem li żżomm il-ktieb tal-merħliet.

Artikolu 4

Mara li ommha u nannitha materna huma rreġistrati f'sezzjoni supplimentari tal-ktieb tal-merħliet kif previst f'Artikolu 3(1) u li missierha u żewġ nanniet irġiel huma reġistrati fis-sezzjoni prinċipali tal-ktieb skond il-kriterji preskritti f'Artikolu 1, għandha titqies bħala mara ta' razza pura u mdaħħla fis-sezzjoni prinċipali tal-ktieb, kif previst f'Artikolu 1.

Artikolu 5

Meta ktieb ikun fih klassijiet diversi fis-sezzjoni prinċipali, annimal minn xi Stat Membru ieħor għandu jkun reġistrat fil-klassi tal-ktieb li tissodisfa l-kriterji tiegħu.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Lulju 1984.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni